

Brussell, 10 ta' Ġunju 2022
(OR. fr, en)

9716/22

LIMITE

CYBER 198
TELECOM 255
CSC 228
CSCI 74
FIN 590

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9317/2/22 REV 2
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 05/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "Ċibersigurtà tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE: Il-livell ta' tnejn b'mod ġenerali mhuwiex proporzjonat mat-thedd" - Approvazzjoni

1. Fit-30 ta' Marzu 2022, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ppubblikat ir-Rapport Speċjali Nru 05/2022 bit-titlu "Ċibersigurtà tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE: Il-livell ta' tnejn b'mod ġenerali mhuwiex proporzjonat mat-thedd".¹
2. Fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' April 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti inkariga r-Rapport Speċjali lill-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju.²

¹ 8040/22.

² 8041/22.

3. Fit-3 ta' Mejju 2022 ir-rappreżentanti tal-Qorti tal-Awdituri ppreżentaw ir-Rapport Speċjali lill-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju. Wara diskussjonijiet dwar ir-rapport fl-istess laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma, il-Presidenza fasslet abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill, li ġie diskuss mill-Grupp ta' Ħidma fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Mejju 2022.
4. Fl-10 ta' Ġunju 2022, il-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju laħaq qbil dwar it-test li jinsab fl-Anness.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex japprova dan l-abbozz ta' konklużjonijiet u jipproponi li l-Kunsill jadottahom f'laqgħa futura.

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

**dwar ir-Rapport Speċjali Nru 05/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri
bit-titlu**

**"Iċ-ċibersigurtà tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE: Il-livell ta' tħejjija b'mod
ġenerali mhuwiex proporzjonat mat-theddid"**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu dwar it-titjib tal-eżami ta' rapporti speċjali mfassla mill-Qorti tal-Awdituri fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza³;

1. JIEĦU NOTA tar-Rapport Speċjali Nru 05/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Iċ-ċibersigurtà tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE: Il-livell ta' tħejjija b'mod ġenerali mhux proporzjonat mat-theddid"⁴.
2. JISSOTTOLINJA l-importanza u l-urġenza li jissaħħaħ il-livell ta' ċibersigurtà fi ħdan l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, minħabba l-intensifikazzjoni reċenti tat-trasformazzjoni diġitali fi ħdan l-istituzzjonijiet, l-informazzjoni sensittiva li jiproċessaw, l-għadd u s-severità dejjem akbar tal-attakki fuq l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE u l-livell ta' theddid li jaffettwahom.

³ 7515/00 + COR 1.

⁴ 8040/22.

3. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-20 ta' Ġunju 2019⁵, li fihom l-Kunsill Ewropew stieden lill-istituzzjonijiet tal-UE, flimkien mal-Istati Membri, biex jaħdmu fuq miżuri biex tissaħħaħ ir-reżiljenza u tittejjeb il-kultura tas-sigurtà tal-UE kontra t-theddid ibridu u dak ċibernetiku minn barra l-UE, u biex in-networks tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tal-UE u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha jiġu protetti aħjar minn atti malizzjużi ta' kull tip.
4. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu tal-10 ta' Diċembru 2019 dwar l-isforzi komplementari għat-tiħiħ tar-reżiljenza u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu⁶, li fih appella lill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, appoġġati mill-Istati Membri, biex jiżguraw il-kapaċità tal-Unjoni li tiproteġi l-integrità tagħha u ssaħħaħ is-sigurtà tan-networks tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE minn kull tip ta' attività malizzjuża, abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tat-theddid. Għal dan il-għan, jingħad fil-konklużjonijiet, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji, appoġġati mill-Istati Membri, għandhom jiżviluppaw u jimplementaw sett komprensiv ta' miżuri biex jiżguraw is-sigurtà tagħhom, f'konformità mal-mandat tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2019⁷.
5. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Marzu 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Digitali⁸, fejn enfasizza li ċ-ċibersigurtà hija vitali għall-funzjonament tal-amministrazzjoni u l-istituzzjonijiet pubbliċi, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE u għas-soċjetà tagħna u għall-ekonomija kollha kemm hi.

⁵ EUCO 9/19.

⁶ 14972/19.

⁷ EUCO 9/19.

⁸ 6722/21.

6. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Mejju 2022 dwar l-iżvilupp tal-pożizzjoni ċibernetika tal-Unjoni Ewropea⁹, li fiha l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE ġew imħeġġa jipparteċipaw fl-immappjar tal-għodod eżistenti għal komunikazzjoni sigura fil-qasam ċibernetiku li għandhom jiġu diskussi fil-korpi rilevanti tal-Kunsill u ma' gruppi ta' kooperazzjoni rilevanti, bħan-network tas-CSIRTs u l-EU CyCLONE.
7. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġi indirizzat ir-riskju sistemiku li jeżisti fl-interkonnnessjoni bejn l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, kif ukoll bejnhom u l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri, minkejja l-indipendenza istituzzjonali u l-awtonomija amministrattiva tagħhom.
8. JIEĦU NOTA tal-osservazzjonijiet tar-Rapport Speċjali, jiġifieri li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE ma kisbux livell ta' tħejjija ċibernetika proporzjonat mat-theddidiet u għandhom livelli differenti ta' maturità taċ-ċibersigurtà. JIRRIKONOXXI li l-livell ta' tħejjija taċ-ċibersigurtà tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, kif ukoll is-sinerġiji bejniethom, għandhom jittejbu.
9. Għalhekk, IHEĠĠĠĠ bil-qawwa lill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE biex ikomplu l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' ġestjoni tar-riskju ċibernetiku li jiżguraw livell proporzjonat ta' ċibersigurtà, kif previst mid-direttiva proposta dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148, sabiex itejbu l-livell ta' tħejjija tagħhom.
10. JISTIEDEN lill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE biex jintensifikaw kemm l-isforzi tagħhom biex jiproteġu lilhom infushom kontra t-theddid ċibernetiku kif ukoll il-kooperazzjoni tagħhom fl-istabbiliment ta' standards u speċifikazzjonijiet konsistenti, b'mod partikolari għall-akkwist pubbliku, il-proġetti u s-servizzi relatati maċ-ċibersigurtà, u biex itejbu l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT tagħhom, inkluż bil-ħsieb li tiġi żgurata l-komunikazzjoni sigura ta' kontenut mhux klassifikat.

⁹ 9364/22.

11. JISTIEDEN lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) u l-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza Relatata mal-Kompjuters għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE (CERT-UE), fil-qafas tal-kompetenzi tagħhom, biex jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom fl-appoġġ tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE fl-isforzi tagħhom għaċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari fir-rigward tal-bini tal-kapaċità għal dawk l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE li għandhom livell aktar baxx ta' maturità taċ-ċibersigurtà.
12. JIEĦU NOTA tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali, u JIRRIKONOXXI li l-livell ta' tħejji taċ-ċibersigurtà tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, kif ukoll is-sinerġiji bejniethom, għandhom jittejbu b'mod sostanzjali. L-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE għandu jkollhom qafas komprensiv ta' ġestjoni tar-riskju għaċ-ċibersigurtà, iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju u awditi regolari, ibbażati fuq metodoloġija komuni jew magħrufa sew u standards internazzjonali, u jissistemattizzaw is-sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà u l-programmi ta' taħriġ għall-persunal.
3. JENFASIZZA wkoll li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE għandhom jallokaw baġit suffiċjenti biex jiżguraw l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni kontra t-theddid ċibernetiku filwaqt li jirrispettaw il-qafas finanzjarju pluriennali, u JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjoni tar-Rapport Speċjali li għandu jinħatar korp rappreżentattiv tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE, u jingħata l-mandat u l-mezzi adatti, biex iwettaq monitoraġġ tal-konformità mar-regoli komuni dwar iċ-ċibersigurtà.
14. JIRRIKONOXXI li s-CERT-UE għandha tkun infurmata mingħajr dewmien dwar ċiberinċidenti sinifikanti fi ħdan l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE u, għal dan il-għan, għandha tkun mgħammra b'riżorsi adegwati li huma prevedibbli u adattati għal-livell attwali ta' theddid u għall-ħtiġijiet tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari f'termini ta' persunal, tagħmir tekniku u infrastruttura.

15. JINNOTA li l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà, kif ukoll l-interoperabbiltà ta' kanali ta' komunikazzjoni siguri bejn l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, għandhom jissaħħu u jiġu sistematizzati. JITLOB li tali kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni jinkludu wkoll lill-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għaċ-ċibersigurtà fl-Istati Membri.
 16. JIEĦU NOTA tat-tweġibiet mill-Kummissjoni, is-CERT-UE u l-ENISA li jakkumpanjaw ir-Rapport Speċjali.
 17. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tiegħu kont tar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali u tkun ambizzjuża meta tfassal il-politiki taċ-ċibersigurtà tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, u tippromwovi aktar sinerġiji bejniethom.
-